MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2008

Numru 291/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann J. Fenech**
v

**QUENTIN BROT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **QUENTIN BROT** ta’ sbatax il-sena, bin Daniel Bolomey u Natalie Brot, imwieled l-Izvizzera nhar l-erbgha ta’ Gunju 1991 u residenti Kamra numru 413, St. Bernard Hotel, San Giljan, detentur ta’ passaport numru F3695494, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn s-sittax u s-sbatax t’Ottubru 2008, u matul l-ahhar jiem, importa jew gieghel li tigi mpurtata jew ghamel xi haga sabiex tigi mpurtata medicina perikoluza u cioe l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, f’Malta, bi ksur tad-dispozizzjoniet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal uzu personali.

Talli fl-istes lok, jum, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) bhala Dok. CSH, fotokopja awtentikata tal-passaport tal-imputat bhala Dok. CSH 1, l-fedina penali tal-istess imputat bhala Dok. CSH 2, l-istqarrija rilaxxjata mill-impuat nhar s-sbatax t'Ottubru 2008 bhala Dok. CSH 3 kif wkoll l-alleata droga tal-Cannabis grass u grinder bhala Dok. CSH 4.

Semghet lil imputat jghid li ma jifhimx l-lingwa Maltija w ghalhekk hatret lil Dottor Anthony Licari sabiex jaghmel t-traduzzjoni mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza a beneficcju tal-imputat tul dan l-procediment.

Semghet **l-ammissjoni tal-imputat** liema ammissjoni tinsab registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tmintax t'Ottubru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tieghu u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-prezentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda kontravenzjoni registrata fuqha w ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz;

4. L-ammont zghir ta' droga li nstabet fuq il-persuna tal-imputat; u

5. L-eta tenera tal-istess imputat.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat QUENTIN BROT hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) prigunerija sospizi ghal sentejn (2) snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' erbgha [4] snin u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga esibita f'dan il-procediment w ghalhekk tordna lil analista Godwin Sammut sabiex fil-presenza tar-Registratur tal-Qorti, jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li**

**l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet* Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli.**

Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------